

**Mill-President**
**Thomas S. Monson**

# Imħabba d-Dar—
## KUNSILL MILL-PROFETA TAGĦNA

### Ħajja tal-Familja Mbierka

"Meta nesperjenzaw x' toffri verament id-dinja u naraw b' għajnejna kemm hi mimlija bi ħwejjeġ mill-aktar superfiċjali u li jgħaddu malajr, għandna nħossu l-gratitudni tagħna tikber għal privileġġ li aħna għandna li niffurmaw parti minn xi ħaġa li nistgħu verament niddependu fuqha – id-dar u l-familja u l-lealtà tal-maħbubin tagħna. Insiru nafu verament xi tfisser li nkunu magħqudin flimkien b' dover, b' rispett, b' appartenenza. Nitgħallmu li xejn ma jista' jieħu għal kollox post tar-relazzjoni mbierka tal-ħajja tal-familja."[1]

### Naqsmu Flimkien l-Imħabba Tagħna

"Għaddi kumpliment lit-tifel tiegħek u għannqu miegħek; għidlu aktar ta' spiss 'inħobbok'; dejjem esprimi l-gratitudni tiegħek. Qatt tħalli problema li għad trid tissolva ssir aktar importanti minn persuna li inti tħobb. Il-ħbieb ma jibqgħux joqogħdu aktar viċin tiegħek, it-tfal jikbru, il-maħbubin jgħaddu għal ħajja oħra. Faċilment li nieħdu lil xi ħadd for granted, sa dak il-jum meta huwa jħalli ħajjitna u aħna nibqgħu biss b' sentimenti ta' 'li kieku' u 'jekk biss.' . . .

"Ejjew ngawdu ħajjitna filwaqt li ngħixuha, insibu l-ferħ fil-vjaġġ tagħna u naqsmu mħabbitna mal-ħbieb u l-familja. Xi darba, għal kull wieħed minna mhux se jisbaħ l-għada. . . Ejjew ma nħallux għal għada dak li hu l-aktar importanti."[2]

### Nuru Mħabbitna

"L-aħwa, ejjew nittrattaw lin-nisa tagħna b' dinjità u b' rispett. Huma s-sieħba eterni tagħna. Ħuti nisa, onoraw lil żwieġkom. Huma għandhom bżonn jisimgħu l-kelma siewja tagħkom. Għandhom bżonn tbissima ħelwa. Għandhom bżonn l-espressjoni sabiħa ta' mħabba vera. . . .

"Lilkom il-ġenituri, ngħidilkom, lil uliedkom uruhom l-imħabba. Intom tafu li tħobbuhom, iżda kunu ċerti li dan huma jafuh ukoll. Huma mill-aktar prezzjużi. Araw li huma jkunu jafu dan. Itolbu lil Missierkom tas-Smewwiet għall-għajnuna hekk kif intom ta' kuljum tieħdu ħsieb il-bżonnijiet tagħhom u hekk kif intom tiffaċċjaw l-isfidi li inevitabbilment tħabbtu wiċċkom magħhom bħala ġenituri. L-għerf tagħkom biss mhux suffiċjenti sabiex trabbu lil uliedkom."[3]

### Nesprimu Mħabbitna

"Lilkom il-ġenituri, esprimu l-imħabba tagħkom ma' wliedkom. Itolbu għalihom sabiex huma jkunu kapaċi jikkumbattu l-ħażen tad-dinja. Itolbu sabiex huma jikbru fil-fidi u t-testimonjanza. Itolbu sabiex huma jaqbdu ħajja ta' tjubija u ta' servizz għal ħaddieħor.

"Intom it-tfal, għidu lill-ġenituri tagħkom li tħobbuhom. Araw li huma jkunu jafu kemm intom verament tapprezzaw dak kollu li għamlu u jkomplu jagħmlu għalikom."[4]

### Dak li Hu l-Aktar Importanti

"Dak li hu l-aktar importanti kważi dejjem jinvolvi linnies ta' madwarna. Ta' spiss aħna nassumu li huma bilfors jafu kemm aħna nħobbuhom. Iżda qatt ma għandna

nassumu; għandna ngħarrfuhom b' dan. William Shakespeare kiteb, 'Ma jħobbux dawk li ma jurux imħabbithom.' Aħna qatt ma jista' jiddispjaċina għall-kliem ħelu jew għall-imħabba li nkunu wrejna. Anzi, inħossu dispjaċir jekk inwarrbu dawn l-espressjonijiet mir-relazzjonijiet tagħna ma' dawk li jfissru l-aktar għalina."[5]

### Inressqu s-Smewwiet Lejna

"J'Alla l-familji tagħna u djarna jkunu mimlijin imħabba: imħabba lejn xulxin, imħabba lejn l-evanġelju, imħabba lejn għajrna, u mħabba lejn is-Salvatur tagħna. Jekk nagħmlu dan, aħna nkunu qed inressqu s-smewwiet aktar viċin tad-dinja.

"J'Alla nagħmlu minn djarna santwarji li fihom il-membri tal-familja jkunu dejjem iridu jerġgħu lura."[6]

### Talba għall-Familji

"Daqskemm illum fid-dinja l-unit tal-familja jinsab taħt attakk kontinwu, u bosta ħwejjeġ li għal tant żmien kienu meqjusin sagri issa qed jiġu rridikolati, nitolbuk, Missierna, sabiex tgħinna nikkumbattu l-isfidi li għandna quddiemna, sabiex nistgħu nibqgħu sodi u leali lejn il-verità u s-sewwa. J' Alla darna tkun post li fih tgħammar il-paċi, l-imħabba u l-ispiritwalità."[7]

**NOTI**

1. "A Sanctuary from the World," *Worldwide Leadership Training Meeting,* 9 ta' Frar, 2008, 29.
2. "Joy in the Journey" (Brigham Young University Women's Conference, 2 ta' Mejju, 2008), http://ce.byu.edu/cw/womensconference/archive/transcripts.cfm.
3. "Abundantly Blessed," *Liahona,* Mejju 2008, 112.
4. "Until We Meet Again," *Liahona,* Mejju 2009, 113.
5. "Finding Joy in the Journey," *Liahona,* Nov. 2008, 86.
6. "A Sanctuary from the World," 30–31.
7. Dedicatory prayer for The Gila Valley Arizona Temple, 23 ta' Mejju, 2010; f' "The Gila Valley Arizona Temple: 'Wilt Thou Hallow This House,'" *Church News,* 29 ta' Mejju, 2010, 5.

### GĦALLEM MINN DAN IL-MESSAĠĠ

"Waqt attività li fiha kulħadd jgħid dak li jaħseb, l-għalliema tippreżenta mistoqsija jew sitwazzjoni u tagħti ftit ħin lill-istudenti tagħha sabiex huma jkunu liberi li jissuġġerixxu xi soluzzjonijiet jew ideat" (*Teaching, No Greater Call* [1999], 160). Hekk kif int taqra dan l-artiklu flimkien mal-familja, itlobhom jagħtu każ ta' xi kunsill jew idea li l-aktar li jkunu laqtuhom. Imbagħad il-membri tal-familja jkunu jistgħu jaħsbu lkoll dwar kif ikabbru l-imħabba f' darhom. Ikkunsidra li tistieden lill-membri tal-familja sabiex jiddiskutu flimkien dawn l-ideat fil-lejla tal-familja d-dar li jmiss.

## IŻ-ŻGĦAŻAGĦ

## Ommna Salvatna

**Minn Patricia Auxier**

Meta kelli sitt snin, oħti ż-żgħira u jiena konna qed insegwu flimkien lil oħtna l-kbira tilgħab il-basketball mat-tim tagħha. Missierna qam u telaq, u aħna ddeċidejna li ridna mmorru lura d-dar miegħu, għalhekk morna niġru warajh fix-xita. Meta ma stajniex insibuh, morna lura fil-ġinnasju sabiex inkunu nistgħu mmorru lura d-dar ma' ommna, iżda sakemm morna lura fil-ġinnasju kulħadd kien telaq mill-post.

Niftakar lili u l-oħti nitgezzu mal-bieb, nippruvaw nistkennu mix-xita, u nitolbu li jiġi xi ħadd. Imbagħad niftakar l-ħoss tal-bieba tal-vann l-aħmar tagħna tissabbat, u t-tnejn morna niġru minn fejn kien ġej il-ħoss. Imbagħad dak li seħħ baqa' fil-memorja tat-tfulija tiegħi bl-aktar mod ċar: ommna għannqitna f' dirgħajha "bħal tiġieġa li tiġbor il-flieles taħt ġwenħajha" (3 Nephi10:4). Ommi kienet salvatna, u jiena qatt ma ħassejtni protetta daqs kemm ħassejtni f' dak il-mument.

Hekk kif nirrifletti dwar l-influwenza tagħha fuqi, nara li l-ħajja ta' ommi ddereġietni lejn is-Salvatur u wrietni xi tfisser li "terfa' l-idejn għajjiena, u ssaħħaħ l-irkobbtejn dgħajfa" (D&C 81:5). Hija kienet tafda f' Ġesù Kristu, li taha qawwa "aktar milli kienet tiflaħ" ("Lord, I Would Follow Thee," *Hymns,* no. 220).

## TFAL

## Nibnu Dar Hienja

Il-President Monson issuġġerixxa modi kif nistgħu nibnu dar hienja. Fittxu f' dan l-artiklu sabiex issibu modi kif intom u l-familja tagħkom tistgħu tagħmlu dar hienja.

Kull darba li ssibu xi ħaġa x' tistgħu tagħmlu, iktbuha. Sibu tal-anqas ħames modi kif tistgħu tibnu dar hienja u pinġu dar bil-familja tagħkom fiha.

© 2011 by Intellectual Reserve, Inc. Id-drittijiet kollha riservati. Printed in Germany. Approvazzjoni bl-Ingliż: 6/10. Approvazzjoni tat-traduzzjoni: 6/10. Traduzzjoni ta' *First Presidency Message, August 2011.* Maltese. 09768 159

# Soċjetà ta' Nisa Mqaddsa

*Studja dan il-materjal u, kif inhu xieraq, iddiskutih mal-aħwa li inti żżur. Uża l-mistoqsijiet sabiex jgħinuk issaħħaħ lil ħutek u biex tagħmel lis-Soċjetà tal-Għajnuna parti integrali minn ħajtek.*

**Fidi • Familja • Għajnuna**

Eliza R. Snow, president ġenerali tas-Soċjetà tal-Għajnuna, għallmet: "Fi żmien il-qedem Pawlu l-Appostlu tkellem dwar nisa mqaddsa. Huwa d-dover ta' kull waħda minna li tkun mara mqaddsa. Għandu jkollna għanijiet ogħla, jekk aħna nisa mqaddsa. Għandna nħossuna li ġejna msejħin sabiex inwettqu ċerti dmirijiet importanti. Ħadd m'hu eżentat minnhom. M' hawn l-ebda oħt li tinsab tant iżolata u l-isfera tagħha tant ristretta li ma tistax tkun ta' kontribut mill-aktar siewi sabiex twaqqaf is-Saltna ta' Alla fid-dinja."[1]

Ħuti, aħna m' aħniex iżolati u l-isfera tagħna m'hijiex ristretta. Meta aħna naċċettaw ir-rigal li għandna li nkunu attivi fis-Soċjetà tal-Għajnuna, aħna nsiru parti minn dik li l-Profeta Joseph iddeskriva bħala soċjetà "separata mill-ħażen kollu tad-dinja – magħżula, virtuża u mqaddsa."[2]

Din is-soċjetà tgħinna nsaħħu l-fidi tagħna u nikbru spiritwalment billi twasslilna opportunitajiet ta' tmexxija, servizz u tagħlim. Fis-servizz tagħna, aħna nagħtu dimensjoni ġdida lil ħajjitna. Aħna navvanzaw spiritwalment, u s-sens tagħna ta' appartenenza, identità u valur personali jikber. Nirrealizzaw li l-iskop ewlieni tal-pjan tal-evanġelju hu li jipprovdilna opportunità li nilħqu lkoll il-milja tal-potenzjal tagħna.

Is-Soċjetà tal-Għajnuna tgħinna nitħejjew sabiex nirċievu l-barkiet tat-tempju, nonoraw il-patti li nagħmlu, u naħdmu fil-kawża ta' Sijon. Is-Soċjetà tal-Għajnuna tgħinna nkabbru l-fidi tagħna u t-tjubija personali tagħna, insaħħu l-familji tagħna, u nfittxu u ngħinu lil dawk fil-bżonn.

Il-ħidma tas-Soċjetà tal-Għajnuna hija waħda mqaddsa, u l-ħidma mqaddsa li aħna nwettqu toħloq fina l-qdusija.

***Silvia H. Allred, l-ewwel kunsillier fil-presidenza generali tas-Soċjetà tal-Għajnuna.***

## *Mill-Iskrittura*

Esodu 19:5; Salm 24:3–4; 1 Tessalonikin 4:7; Titu 2:3–4; Doctrine and Covenants 38:24; 46:33; 82:14; 87:8; Moses 7:18

## *Mill-Istorja Tagħna*

Meta kien qed ikellem lis-Soċjetà tal-Għajnuna Femminili ta' Nauvoo, il-Profeta Joseph enfasizza l-qdusija, u spjega li hekk kif l-aħwa nisa jsiru puri u mqaddsa, huma jħallu warajhom ċerta influwenza fid-dinja. Huwa spjega: "L-umiltà, l-imħabba, il-purità – dawn huma l-ħwejjeġ li għandhom jimmanjifikawkom. . . . Din is-Soċjetà . . . għandu jkollha l-qawwa li tikkmanda l-irġejjen fi ħdanha. . . . Is-Slaten u l-irġejjen tad-dinja jiġu Sijon, u jroddu r-rispett tagħhom." L-aħwa tas-Soċjetà tal-Għajnuna li jgħixu skont il-patti tagħhom jiksbu r-rispett mhux biss ta' nies nobbli, iżda "jekk tgħixu denji tal-privileġġi tagħkom" wiegħed Joseph lill-aħwa nisa, "l-anġli ma jibqgħux lura milli jgħinukom."[3]

Hekk kif l-aħwa nisa jipparteċipaw fil-ħidma li jservu u jsalvaw lil ħaddieħor, huma jitqaddsu personalment. Lucy Mack Smith, omm il-Profeta, tkellmet dwar it-tajjeb li tista' twettaq is-Soċjetà tal-Għajnuna: "Għandna ngħożżu lil xulxin, nħarsu lil xulxin, nfarrġu lil xulxin u nitgħallmu kemm nistgħu, sabiex inkunu nistgħu npoġġu bilqiegħda flimkien fis-smewwiet."[4]

**NOTI**

1. Eliza R. Snow, "An Address," *Woman's Exponent,* Sett. 15, 1873, 62.
2. Joseph Smith, f' *History of the Church,* 4:570.
3. Joseph Smith, in *History of the Church,* 4:605, 606.
4. Lucy Mack Smith, in Relief Society, Minute Book Mar. 1842–Mar. 1844, entry for Mar. 24, 1842, Church History Library, 18–19.

## *X' Nista' Nagħmel?*

**1.** Kif qed ngħin l-aħwa li jiena responsabbli minnhom jikkultivaw u jiksbu "għanijiet ogħla"?

**2.** X' qed nagħmel sabiex ħajti tkun waħda "magħżula, virtuża, u mqaddsa"?

Għal aktar informazzjoni, ara www.reliefsociety.lds.org.

© 2011 by Intellectual Reserve, Inc. Id-drittijiet kollha riservati. Printed in Germany. Approvazzjoni bl-Ingliż: 6/10. Approvazzjoni tat-traduzzjoni: 6/10. Traduzzjoni ta' *Visiting Teaching Message, August 2011.* Maltese. 09768 159